kummissjoni djoċesana żgħażagħ

# Stqarrija Għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 28/04/09 |
| **Ref:** | KDŻ 09/09 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## Konferenza: 'Iż-Żgħażagħ u l-Istress…'

Iż-żogħżija hija fażi fil-ħajja tal-bniedem marbuta ma' tibdiliet hekk kif żagħzugħ jimxi lejn l-indipendenza sabiex jieħu l-istat tiegħu fil-ħajja. It-tibdiliet, fir-responsabbilitajiet, relazzjonijiet, u viżjoni tal-ħajja, iġibu magħhom ansjeta li tista' tkun kawża ta' stress fil-ħajja taż-żgħażugħ u f'ta' dawk li jgħixu qrib tiegħu. Għalhekk il-għan ta' din il-konferenza hi li nifmhu u nħarsu lejn iż-żgħożija minn aspett aktar ħolistiku, b'mod li nirrelataw maż-żgħażagħ bħala persuni sħaħ.

Din il-Konferenza ser issir nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2009 fil-Kavallier ta' San Ġakbu bejn id-9.00 u 14.30. Hija maħsuba għal dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ f'ambjenti tal-komunita, ta' l-għaqdiet, ta' l-iskejjel, u tax-xogħol. Għal dan il-proġett qiegħdin jiġu flimkien il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, l-aġenzija sedqa, Il-Kulleġġ Sta. Tereża, Valletta Community Network, St. James Cavalier u Richmond Foundation. Dan qiegħed jippermetti lil kull aġenzija u organizzazjoni li tagħmel l-aħjar użu tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħha. Din il-ħarsa ħolistika lejn iż-żagħżugħ hija wkoll riflessjoni tal-ħidma u s-sinerġija li qiegħda tinħoloq bejn is-sitt organizzazjonijiet li ġew flimkien biex iwettqu dan il-proġett ta' għarfien u edukazzjoni. L-organizzazjonijiet involuti iwettqu ħidma fuq livell differenti maż-żgħażagħ, u f'ambjenti differenti maż-żgħażagħ, u li allura qiegħdin jiġu flimkien sabiex iħarsu lejn iż-żagħżugħ minn dawn il-livelli differenti. Nifmhu li meta naħdmu flimkien aħna nwasslu messaġġ aktar sħiħ u aktar qawwi lis-soċjeta Malitija, messaġġ ta' sinerġija u ta' viżjoni.

Il-kelliema, Dr. Marilyn Clark, Ms. Miriam Teuma, Mr. David Parnis u Ms. Dolores Gauci, kif dan l-istress jista' jkun prevenut jew megħlub. Mr. Aaron Borg ser ikun qieghed jipprezenta sett ta' riżorsi għall-użu ta' youthworkers u għalliema li ser ikun imqassam mingħajr ħlas lil dawk li ser jattendu l-konferenza. Din l-attivita hija maħsuba għal youth workers, għalliema u professjonisti oħrajn li jaħdmu fil-qrib maż-żgħażagħ. L-Onorevoli Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport ser ikun qiegħed jindirizza il-ftuħ tal-konferenza.

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ